

AWWISSU/SETTEMBRU 2011 – Il-31 SENA – GHADD 312 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

















3 **Inkunu tal-Knisja bla ma nilgħabu bil-knisja (I)**
Editorjal

4 **Bibbja**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

7 **Novella**
minn Emily Barbaro-Sant

8 **Karmenu Aquilina Kapuċċin Jirċievi l-Ordni Sagri**

13 **Poeżija**
minn J. Sant

14 **Santa Marija fit-Turkija**
minn Fr Joe Buttigieg OFMCap

16 **Teoloġija tal-Ġisem - 7**
minn Patri Mario Attard OFMCap

18 **Franġiskanismu**
minn Patri Ivan Scicluna OFMCap

20 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

21 **Il-Bolol ta' Malta**
minn Tony C. Sant

22 **Vokazzjoni**
minn Fr Joe Giuliano OFMCap

24 **Jum il-Missjoni Kapuċċini 2011**
minn P. Silvestru Bonavia OFMCap

27 **Missjoni**
minn Fr Hilary Abela OFMCap

28 **Storja tal-Kapuċċini**
minn Winston L. Zammit B.A.(Hons) P.G.E.C., M.A.

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Missjoni**
minn Tessie Grech


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**Patri Emanuel Barbara OFMCap, Isqof elett tad-Djoċesi ta' Malindi, il-Kenja, kien nominat għall-Ordni tal-Episkopat nhar id-9 ta' Lulju 2011.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frano Fenech OFMCap
Ivan Scicluna OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: lpf1939@gmail.com

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2011


Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# INKUNU TAL-KNISJA BLA MA NILGĦABU BIL-KNISJA (I)

Ir-riżultat tar-Referendum li kellna dan l-aħħar dwar l-introduzzjoni tal-liġi fuq id-divorzju f'pajjiżna, li għal min jgħix f'Malta u għandu ħjiel ta' kemm il-poplu Malti huwa evanġelizzat, ma kien ta' ebda xokk u lanqas ta' stagħġib. L-istess riżultat fih messaġġ ċar u qawwi. L-ewwel persuni li għandhom jixtarruh huma l-membri tal-kleru lokali: Djoċesani u Reliġużi.

Jidher ċar li n-nagħaġ tferrxu. L-ilpup daħlu fil-merħla u bdew jagħmlu festa minnhom. In-nagħaġ, li kull tbissima ħasbuha tislima, ħasbuhom rgħajja u marru warajhom! L-esperjenza se turi min għandu raġun jekk hux il-Kelma ta' Alla, li għax hi ta' Alla, se tibqa' għal dejjem jew kelmet il-bniedem, li tinbidel ma' kull riħ li jgħaddi minn fuqu, u kelmtu ma treġix. Issa x'se jiġri?

Ilkoll napprezzaw li dan ir-Referendum u r-riżultat tiegħu m'humiex xi sajjieta fil-bnazzi. Aktar minn tletin sena ilu, f'ittra Pastorali tal-Arċisqof Emeritus, Mons. Ġużeppi Mercieca, pjuttost ittra profetika, kien wissa u fl-istess ħin bassar: **"Alla qed jurina l-beraq fil-bogħod biex nifthu għajnejna u ma ninħasdux jekk ir-riefnu ta' barra jilħaq fuqna. Leħen Alla qed jidwi f'widnejna biex inqumu min-ngħas tagħna u nitħejjew għat-taqliba. Nibża' li aħna dgħajfin għal din iċ-ċaqliqa. Mewwitna fina s-sens tal-ħtija u kollox sar jidhrilna, jgħodd u jgħaddi għalina. L-impenn tagħna bħala nsara spiss nibdluh f'farsa, għax nintelqu mal-kurrent u rridu naqdu żewġ sidien. Sakemm ma nfittxux li ħajjitna tkun xhieda ta' dan l-impenn, inkunu qed immorru l-knisja biex nilagħbu bil-Knisja"** (Pastorali n.42, 10/2/1979).

Quddiem din is-sitwazzjoni mwiegħra mhux ftit, wieħed irid jara f'liema kundizzjoni huma r-ragħajja qabel ma jibda jippunta subgħajh fuq il-merħla. In-nagħaġ mhux mir-ragħaj suppost li jisimgħu? U r-ragħajja x'sar minnhom? Huwa fatt li xi wħud mill-membri tal-kleru lokali tul is-snin inġarru b'affarijiet sekondarji u li mhumiex fil-kurrikulu tal-konsagrazzjoni saċerdotali tagħhom. Għidli ftit jekk jagħmilx ġieħ lil saċerdot li:

- Jiffissa l-ħajja saċerdotali tiegħu fuq l-armar tal-knisja jew ta' barra?
- Fl-opri ġodda fil-knisja li jiswew il-belli tal-Ewro?
- Li jistinka ħalli l-festa esterna tar-raħal tkun ferm aqwa minn dik tar-raħal l-ieħor jew tal-partit fl-istess raħal?

U dan jagħmlu għaliex iwarrab ix-xogħol pastorali ta' ragħaj li kien imsejjaħ li jwettaq!

- Kif jista' saċerdot iħossu fil-paċi fil-kuxjenza tiegħu meta jissieħeb, jekk mhux ukoll joħloq partit tal-festa kontra partit ieħor fl-istess parroċċa?
- Kif jista' ikun ragħaj meta jkeskes ħa jġelled lill-qaddisin kontra xulxin jew li jaqsam lill-istess Madonna taħt titlu kontra ieħor permezz ta' partit?
- Jew li jasal f'punt fejn lill-qaddis jew lil Madonna tant kemm jonfoħhom li kważi jagħmilhom aqwa minn Alla nnifsu?
- Issejħilhiex din kontro-xhieda tal-messaġġ Nisrani?

Il-Bibbja stess tikkundanna din it-tip ta' mġiba u ssejħilha b'isimha: **"frott tal-ġisem"**. Fl-ittra tiegħu lil Galatin San Pawl isemmi l-frott tal-ġisem bl-għeruq u x-xniexel. **"L-għemejjel tal-ġisem huma magħrufa: nuqqas ta' rażan, idolatrija... mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja..."** (Gal 5:19-20).

Ir-riżultat tar-Referendum juri biċ-ċar li xi membri tal-kleru nsew li huma **"ragħajja u mgħallmin"** (Efes 4:11). Insew li l-Knisja hija l-Poplu ta' Alla u mhux il-bini, il-pittura, id-damask u x-xinxilli l-oħra. Fi kliem il-Papa Benedittu XVI, is-saċerdot li hu tal-Knisja, imma ma jilgħabx bil Knisja huwa dak li **"Hu lsir ta' Kristu, fis-sens li l-eżiżtenza tiegħu, li hija ontoloġikament konfigurata ma' Kristu, tieħu essenzjalment karattru relazzjonali. Huwa fi Kristu, bi Kristu u ma' Kristu għall-qadi tal-bniedem. L-għaliex jappartieni għal Kristu s-saċerdot huwa radikalment għall-qadi tal-poplu kollu"**.

Dan hu li jfisser li s-saċerdot, Djoċesan jew Reliġjuż, ikun tal-Knisja bla ma jilgħab bil-knisja! •

# "IL-WIRT TAL-ULIED"






"Jekk aħna wlied, aħna wkoll werrieta, werrieta ta' Alla, werrieta ma' Kristu" (Rm 8:17).

L-ulied għandhom id-dritt għall-wirt. Sew jekk ikunu wlied naturali u sew jekk ikunu adottivi għandhom id-dritt li jirtu l-ġid ta' missierhom. Anzi fil-każ tal-adozzjoni dak li l-aktar iqegħdhom fl-istat ta' wlied hu d-dritt li joħroġ minn dan l-istat li jgawdu l-wirt tal-familja mal-ulied naturali.

## X'INHU L-WIRT?

San Pawl kien qed jargumenta skont il-liġi Griega u Rumana ta' żmienu fuq l-adozzjoni tal-ulied bil-konsegwenzi kollha tagħha. Fost il-Lhud ma kienx hemm liġi bħal din, għalkemm fil-prattika kif jidher kienet magħrufa wkoll (ara Eż 2:10; est 2:7.15). imma l-liġi tal-wirt u s-sens għoli tagħha kienet fl-aqwa tagħha fil-kultura tal-poplu Lhudi. Għalihom il-wirt kien ħaġa sagra, għax kellu x'jaqsam mar-rabtiet tal-familja (ara 1Slat 21:3-4).

Il-kunċett tal-wirt għal-Lhud kien marbut mal-wegħda li Alla għamel lill-patrijarki, Abraham, Iżakk u Ġakobb u lil ulied Iżrael bħala werrieta tagħhom. L-art imwiegħda saret il-wirt ta' Iżrael – **"il ġwejdin għad jirtu l-art"** (salm 37:11; 69:37).

L-art bħala wirt bdiet tittieħed ukoll fis-sens metaforiku u spiritwali għall-ġid kbir u veru li jikseb il-bniedem meta jkollu 'l Alla miegħu (ara Salmi 16:5; 73:25 28). L-espressjoni "tikseb l-art" jew "tiret l-art" bdiet tieħu s-sens spiritwali tal-kisba tal-ġid, li hu Alla u l-hena tiegħu. aktar tard, meta bdiet dieħla r-rivelazzjoni tal-ħajja l-oħra wara din l-art, bdew jifhmu wkoll il-wirt għall-premju li hemm lest għat-tajbin – **"Imma int tibqa' sejjer lejn l-aħħar mistrieħ tiegħek; u mbagħad meta jintemm iż-żmien, tqum għall-wirt li jmissek"** Dan 12:13; Għerf 5:5).

Malli nidħlu fit-Testment il-Ġdid niltaqgħu ma' Ġesù Kristu u minnu nitgħallmu x'inhu l-wirt veru li Alla ħejja għal uliedu li jħobbuh. L-art imwiegħda b'wirt lil Iżrael biss figura tal-art imwegħda lil Iżrael il-ġdid magħmul minn ulied Alla, li twieldu minn Alla f'Ibnu Ġesù Kristu. Dawn **"ikollhom b'wirthom l-art"** (Mt 5:5).

L-awturi tat-Testment il-Ġdid jgħidulna wkoll fhiex jikkonsisti dan il-wirt: hi s-Saltna ta' Alla. – **"ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħklom is-saltna"** (Mt 25:34; ara 1Kor 6:9; Gal 5:21). Is-Saltna ta' Alla hi realtà li niksbuha hawn stess f'din l-art; malli nsiru wlied Alla fil-laqgħa tagħna ma' Ibnu Ġesù Kristu, insiru wkoll ulied is-Saltna, jiġifieri, niksbu d-dritt li nidħlu fis-Saltna tal-Missier u tal-Iben. U nidħlu tassew meta jasal il-waqt. Jekk naqdu 'l Alla f'din il-ħajja nsaltnu miegħu fil-ħajja l-oħra li hemm tistenniena wara din. U din bis-saħħa tad-dritt tal-wirt li ksibna bil-grazzja tal-filjazzjoni divina tagħna.

## WERRIETA TAL-MISSIER MA' IBNU

**"Werrieta ta' Alla"** (Rmj 8:17). Is-Saltna hi ta' Alla l-Missier, hi proprjetà tiegħu biss. Hu s-Sid u



s-Sultan assolut tas-sema u tal-art. Meta fi tjubitu tana s-setgħa li nkunu wliedu u adottana b'uliedu, tana wkoll id-dritt li jkollna sehem miegħu fil-ġid tiegħu, li hu s-Saltna tiegħu li ma tintemm qatt. Hekk għamilna werrieta tiegħu.

U **"Werrieta ma' Kristu"** (Rm 8:17). Hu biss Ibnu l-waħdieni li bi dritt tat=tnissil naturali mill-Missier għandu d-dritt għall-wirt tiegħu. hu biss u hu waħdu ma' Alla l-Missier, li hu **"Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien"** (Apok 19:16). Għalhekk mal-Missier Alla **"tiegħu hi s-Saltna, il-ġieħ u l-glorja għal dejjem"**.

U tiegħu biss hu d-dritt naturali għall-wirt tas-Saltna tal-Missier. Hekk Ġesù stqarr fl-aħħar talba tiegħu lill-Missier: **"Missier, igglorifika lili għandek, il-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja"** (Ġw 17:5). Bħala l-vera Iben ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier, Ġesù kellu minn dejjem, flimkien mal-Missier, din il-glorja tiegħu. fi tmiem ħajtu talab li jkollu din il-glorja bħala bniedem ukoll. Dan hu l-wirt tiegħu bi dritt u bis-saħħa tal-filjazzjoni divina u naturali tiegħu. talab biex il-glorja tas-Saltna li hi tiegħu bħala l-veru Iben ta' Alla tkun tiegħu bħala bniedem ukoll. Hi tiegħu għax hu waħdu l-werriet bħala l-Iben il-waħdieni u naturali ta' Alla l-Missier.

Imma Ġesù talab ukoll biex ħutu l-adottivi, li l-Missier għoġbu jaċċettahom b'ulied miegħu u fih, ikollhom ukoll sehem fil-wirt tiegħu u miegħu fil-glorja tiegħu. **"Missier, irrid li dawk li tajtni jkunu huma wkoll miegħi fejn inkun jien, biex jaraw il-glorja tiegħi, il-glorja li tajtni int, għaliex int ħabbejtni sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja"** (Ġw 17:24).; dan hu l-wirt li niksbu ma' Kristu, li hu Ħuna l-kbir (Lhud 2:11-12), **"il-kbir fost ħafna aħwa"** (Rm 8:29).

Hu, l-Iben naturali ta' Alla, sar bin il-bniedm biex bih il-bniedem isir bin Alla u miegħu jissieħeb fil-wirt tal-Missier. Ġie fid-dinja **"biex jiġbor ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin"** (Ġw 11:52). Ħuna l-kbir ġie jfittex, isejjaħ u jiġbor lil ħutu l-ħalja u jdaħħalhom f'dar Missieru u Missierhom. Ma għamilx bħall-iben il-kbir tal-parabbola tal-Iben il-ħali li, għax ħuh kien reġa' lura għand missieru, ma riedx jidħol miegħu għall-festa hu wkoll. Ġesù għaqqadna miegħu u daħħalna miegħu f'dar il-Missier biex niehdu sehem miegħu fil glorja tiegħu.



Din il-verita Ġesù fissirha lil "ħutu", id-dixxipli, b'dan il-kliem qabel ma nfired minn magħhom: "Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet... Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu... biex, fejn inku jien, tkunu intom ukoll (Ġw 14:2-3). Hekk, kif sirna wlied Alla u werrieta ta' Alla fi Kristu, insiru wkoll werrieta ma' Kristu. Werrieta ta' Alla Missierna u wrreita ma' Ħuna l-kbir Ġesù Kristu.

## BIL-KUNDIZZJONI...

**"Ladarba aħna nbatu miegħu, biex miegħu nkunu gglorifikati"** (Rm 8:17).

Niksbu l-wirt ta' Alla ma' Ħuna Ġesù Kristu bil-kundizzjoni li nbatu miegħu wkoll. **"Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu; wkoll jekk insofru bis-sabar, għad insaltnu miegħu wkoll"** (2Tim 2:11-12).

**"Lil Ġesù aħna issa qegħdin narawh imżejjen fil-glorja u l-ġieħ minħabba fil-mewt li hu bata"** (Lhud 2:9). Ġesù li tiegħu hi s-Saltna bhala l-veru Iben ta' Alla, bħala bniedem kiseb il-wirt li hu tiegħu bis-saħħa tat-tbatija u l-mewt tiegħu (ara Lq 24:26.46). Dawk kollha l-Missier adottahom b'uliedu minħabba fih ma kellhomx ikollhom xorti aħjar minn tiegħu (ara Mt 10:24-25). Jekk bħala wlied adottivi tal-Missier issieħbu miegħu saħansitra fin-natura divina tiegħu bil-magħmudija, li biha twieldu mill-ġdid miegħu, u bid-destin ta' ħajjithom kollha miegħu jaslu huma wkoll fil-glorja miegħu. Bit-twelid soprannaturali tagħna minn Alla sirna wlied Alla bid-dritt għall-wirt tal-glorja ma' Iben u Ħuna Ġesù Kristu. Imma wkoll bil kundizzjoni li nbatu miegħu biex miegħu nkunu gglorikifkati.

"Inbatu miegħu" – mhux biss fil-passjoni u l-mewt tiegħu, iżda wkoll f'dak kollu li hu għamel f'ħajtu biex jogħġob lil Alla l-Missier. Ġesù bħala bniedem kellu joqgħod għar-rieda ta' Alla wkoll. Mhux dejjem dak li kien jogħġob lil Alla kien jogħġob lilu wkoll; mhux dejjem dak li kien irid Alla kien iridu hu wkoll. Li kien għalih, ta' bniedem li kien, ma kienx jogħqod għall-ordini tal-Missier li jbati jmut fuq is-salib. U talab: "Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi! Imma mhux kif irrid jien, iżda kif trid int" (Mt 26:39). L-Iben qagħad għar-rieda tal-Missier. Hekk stqarr li kien dejjem jagħmel f'ħajtu: **"Jiena dejjem nagħmel dak li jogħġob lilu"** (Ġw 8:29). **"Iva, Missier, għax lilek hekk għoġbok"** (Mt 11:26).

Hekk Ġesù tana l-eżempju fuq kif għandna nġibu ruħna fil-ħajja ta' din l-art bħala wlied Alla. Hu Ħuna l-Kbir, għallimna bl-imġiba ta' ħajtu fir-relazzjonijiet tiegħu ma Missieru kif għandna nkunu wlied Missierna mhux tal-isem biss, iżda bil-fatti. L-ulied ġenwini huma dawk li joqogħdu dejjem u f'kollox għar-rieda ta' missierhom.

Għalhekk Ġesù Kristu għallimna nitolbu lil Missierna li hu fis-smewwiet u ngħidlulu: **"Ikun li trid int"**. Nitolbuh jgħarrafna xi jridna nagħmlu u jagħtina l-grazzja li nagħmluh tassew biex inkunu wliedu tassew. **"Iva, Missier, għax lilek hekk għoġbok"** (Mt 11:26).

Imbagħad wara ħajja sħiħa li tixraq lill-ulied veri ta' Alla fuq din l-art, niġu għall-jum li fih nisimgħu lil Ħuna l-kbir jistedinna nidħlu miegħu fis-Saltna tiegħu: **"Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalihom sa mill-ħolqien tad-dinja"** (Mt 25:34).




## ĠRAJJIET IL-PAPA

# MAX U BENEDETTO (7)

minn: **Fulvio Fraticelli, Direttur Xjentifiku tal-Fondazione Bioparco di Roma**
Traduzzjoni għall-Malti: **Emily Barbaro-Sant**



L-akbar gost tiegħi fil-Ġonna tal-Vatikan, iżda hu, meta mmur inqiegħed riġlejja, ridt ngħid saqajja, quddiem xi ajkla. Nagħmel hekk kull darba li mmur. Għidtlek jiena, li jiena tip partikulari. Mela. Il-ħaġa ssir hekk: Nersaq bil-kwiet il-kwiet lejn l-ajkla feroċi, inserraħ fuq rasha u ma niċċaqlaq xejn għal ftit, waqt li nħares madwari

Imbagħad intir għal fuq munqarha, nippassiġġa fuq ġwenħajha mifruxa... passiġġata ġmielha! Qatt ma ssugrat tgħidli xi ħaġa; tħallini nagħmel li rrid. Naturalment hi fehmet li jiena għasfur tal-bejt speċjali. Emmmm... Le mhux hekk eżatt. Il-verità hi li dik l-ajkla li qiegħdha fuq il-quċċata ta' funtana, hija tal-ġebel. Ajkli veri, m'hawnx hawnhekk. Li kieku kien hawn, nibqa' 'l bogħod minnhom ħafna. Jiena għasfur tal-bejt uniku, mhux għasfur tal-bejt injorant.

Il-Papa u s-segretarji tiegħu jgħaddu b'pass ħafif waqt li jgħidu r-Rużarju. Benedittu jagħmel dejjem waqfa ċkejkna quddiem il-grotta tal-Madonna ta' Lourdes, li fl-aqwa tal-istaġun tkun miksija bil-ħaxix imxeblek fejn tbejjet il-bufula. Tiġi wkoll il-bukħajla li tħobb ħafna tieqaf quddiem il-grotta. Waqt li Benedittu jkun qed jagħmel il-passiġġata tiegħu, jiena mmur niekol xi ħaġa u nagħti daqqa t'għajn madwari. Xi kultant, niltaqa' ma' xi ħadd minn tal-familja li jgħixu fil-ħitan tal-wied tal-Vatikan. Anki dawn huma ta' tip kwiet u riżervat u għalhekk ma tantx inpaċpċu bejnietna.

**"Ċiaw".**
**"Ċiaw".**
**"Kollox sewwa intom?"**
**"Iva, iva tajbin grazzi. U intom?"**
**"Ilkoll tajbin. Il-ħajja tas-soltu..."**
**"Mela ċiaw".**
**"Ċiaw".**

Meta Benedittu u s-segretarji tiegħu jħallu l-Ġonna tal-Vatikan, anki jiena nagħmel hekk. Ma rrid qatt niġi wiċċ ma' wiċċ ma' xi kokka li toħroġ meta jibda jidlam. Dawn huma kreaturi bir-rix mill-aktar feroċi. Aħjar wieħed joqgħod il-bogħod.

Qabel il-ħamsa ta' wara nofsinnhar, il-Papa jkun diġà reġa mar fuq l-iskrivanija biex ikompli x-xogħol li jkun ħalla. Dan il-ħin tal-ġurnata x'aktarx ikun iddedikat għal kotba tiegħu. Niftehmu. Għal dawk li jikteb hu. Infatti, Benedittu jħobb jikteb daqskemm iħobb jaqra. Meta jkun qed jipprepara xi ktieb, ikun ferħan ħafna anki jekk il-kitba toħodlu ħafna ħin. U dan minħabba li jrid isib il-kliem addattat biex jikteb dak li jkun irid ifisser dwar xi suġġett jew ieħor, b'mod li jiftiehem minn kulħadd. Il-kotba tiegħu għamlu suċċess proprju minħabba li jirnexxilu jfiehem b'mod sempliċi, anki xi ħaġa kkumplikata. Proprju kif jafu jagħmlu l-għalliema mill-aktar bravi.

Aktar tard, Benedittu jkollu żjarat oħra. Imorru ħdejh xi kardinali li jokkupaw karigi għoljin u importanti fl-uffiċċji tal-Vatikan, biex jinfurmawh bil-ħidma tagħhom u jitolbuh parir fuq ċerti problemi.

Fl-aħħar, bi nżul ix-xemx, jasal ħin il-mistrieħ tal-Papa, li wara ikla ħafifa bħal dik ta' għasfur, jara l-aħbarijiet u mbagħad joqgħod jaqra xi ktieb jew jisma' ftit mużika. •

# KARMENU AQUILINA KAPUĊĊIN JIRĊIEVI L-ORDNI SAGRI

PATRI KARMENU AQUILINA OFMCap flimkien ma' tnax-il kandidat ieħor jirċievi l-Ordni Sagri fl-età ta' 44 sena, nhar il-Ħadd 3 ta' Lujlu 2011, mill-Arċisqof Pawl Cremona O.P., fil-Kon-Katedral ta' San Ġwann, il-Belt.



*Patri Karmenu Aquilina OFMCap ikun ikkonsagrat Presbiteru minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona OP fil-Katedral ta' San Ġwann, il-Belt, nhar it-3 ta' Lulju 2011.*

l-għada tal-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu, Patri Aquilina ċċelebra l-ewwel Quddies solenni fil-knisja tas-Siġġiewi, raħal twelidu. Minbarra għadd numeruż ta' konċelebranti, jassistu lill-Patri Karmenu kienu l-Provinċjal Emmanuel Barabara OFMCap u l-Arċipriet tas-Siġġiewi, Dun Albert Buhagiar.

Fuq il-bankijiet ta' quddiem, kif kien xieraq, kien hemm omm Patri Karmenu, is-Sinjura Paola Aquilina flimkien ma' wlieda, qraba u neputijiet. Il-knisja tas-Siġġiewi kienet mimlija bħala bajda. Iċ-ċelebrazzjoni, megħjjuna mill-kant taż-żgħażagħ taċ-Ċentru li hu fil-kura ta' Patri Karmenu nnifsu, kienet l-għaxqa ta' kull min kien preżenti. Fuq fomm kulħadd kien hemm l-espressjoni: kemm kienet sabiħa; kemm ħadna gost.

Patri Karmenu hu iben Karmenu u Paola, it-tieni minn erba' wlied. L-edukazzjoni tiegħu taf il-bidu tagħha lis-Sorijiet Franġiskani ta' raħal twelidu, is-Siġġiewi. L-aħħar skola li attenda qabel daħal fid-dinja tax-xogħol kienet "Umberto Colosso" f'Sta Venera. Wara snin ma' Kumpanija Ġermaniża, "Piltz Ltd", Karmenu beda avventura ta' mekkanik fuq inġenji kbar. L-ambjent tat-trobbija familjari ta' Fr Aquilina kien pjuttost wieħed sagħan. Dan ikkontribwixxa mhux ftit biex bena fih valuri ċivili u nsara. Matul iż żogħżija tiegħu, Karmenu kien intiż fil-mistier tal-piroteknika. Għadda

wkoll mill-esperjenza ta' għerusija li wara tliet snin ta' sospensjoni ddeċieda li jaqbad triq oħra fil-ħajja Reliġjuża. Megħjun minn direzzjoni spiritwali, Karmenu talab li jissieħeb fl-Ordni Franġiskan Kapuċċini.

Fis-6 ta' Novembru 2001 Karmenu beda jesperjenza l-ħajja Kapuċċina bħala postulant u sentejn wara beda n-novizzjat. Br Aquilina wiegħed li jgħix ħajtu fl-ideal Franġiskan Kapuċċin permezz tal-voti Evanġeliċi fil-faqar, fl-ubbidjenza u ċ-ċelibat, nhar it-28 t'Awwissu 2008, fil-knisja tas-Siġġiewi ppakkjata bin-nies. Tispikka b'mod li tinħass ix-xewqa tiegħu li jsarraf is-sejħa Franġiskana Kapuċċina f'ħidma missjunarja. Mitlub jikkummenta dwar is-sens tar-rit tal-Ordinazzjoni li fuqu għandu jiżvolġi l-vokazzjoni reliġjuża saċerdotali:

- **EMMEN DEJJEM DAK LI TGĦID**
- **GĦALLEM DAK LI TEMMEN FIH**
- **GĦIX DAK LI TGĦALLEM**

Patri Karmelo Aquilina qal hekk: Xi punti ta' riflessjoni fuq dak li nirċievi fis-Sagrament tal-Ordni Sagri. Nagħżel li nagħmel riflessjonijiet fuq parti mir-Rit tal-Ordinazzjoni. Nipprova nkun kemm nista' saqajja mal-art għax faċli li wieħed f'dawn il-mumenti sbieħ tal-ħajja, speċjalment bħal-lum li qed nikteb, żmien ta' rtir biex nitħejja għal dan is-sagrament, dan id-don hekk kbir u qaddis biex ngħid hekk, qiegħed fuq il-għolja tat-Tabor, u anki fil-bidu tal-qadi ta' dan il-ministeru ġdid tas-saċerdozju. Il-ħajja għallmitni li ma għandix nieħu deċiżjonijiet importanti fl-entużjażmu għax l-entużjażmu jmur u meta nkun fuq il-muntanja l-oħra, il-kalvarju, x'nagħmel? Jibdew il-kriżijiet. Jien naħseb li meta nieħu deċiżjonijiet importanti għandi nkun saqajja mal-art, reali, b'hekk inkun nista' nasal x'imkien. Il-ħajja għallmitni li meta nkun se nieħu deċiżjonijiet kbar fil-ħajja għandhom ikunu meħuda wara riflessjoni personali fi żmien ta' trankwilità kif ukoll għandi nfittex għajnuna 'l barra minni, f'dan il-kas id-direttur spiritwali u l-għajnuna ta' Alla speċjalment bit-talb. Ma nidux ninsew il-bżonn tat-talb fil-ħajja tagħna. Illum nista' ngħid li qed nasal għal din id-deċiżjoni b'mod liberu u mingħajr indħil u bil-paċi f'qalbi. Inħoss li nista' ngħid "Hawn jien!", ladarba kien Hu li għażilni u kien Alla nnifsu li sejjaħli u jien qed inwieġeb għal din is-sejħa.

## Emmen dejjem dak li tgħid

Din hi l-ewwel parti mis-sentenza li nsibu fir-Rit tal-Ordinazzjoni Presbiterali li se nikkumenta fuqha. Biex tkun kredibbli fil-ħajja l-ewwelnett trid tkun int temmen imbagħad dak li tgħid irid ikun dak li



*Udjenza li mliet il-knisja tas-Siġġiewi waqt l-omelija minn Patri Karmenu Aquilina fl-ewwel Quddiesa solenni nhar l-4 ta' Lulju 2011, l-għada tal-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu.*



Patri Karmenu f'ħin il-konsagrazzjoni assistit mill-Provinċjal Emmanuel Barbara OFMCap u l-Arċipriet tas-Siġġiewi, Dun Albert Buhagiar.

temmen. Ħafna drabi nisimgħu affarijiet sbieħ, imma min ikun qed jisma' jinduna li dak li qed jgħid mhux ħiereġ mill-qalb tiegħu. Imma jkun frott ta' dak li kien qara fi ktieb, jew sema' lil xi ħadd jirrakkonta xi ħaġa, jew xi konferenza, eċċ. Ikun jirrepeti bħal pappagal dak li qara jew sema'. Min ikun jisma' jista' jinduna mill-mod kif jesprimih, mill-ġesti li wieħed juża' billi aħna u nitkellmu nużaw ħafna ġesti b'mod speċjali bl-idejn u bil-fattizzi tal-wiċċ, eċċ. Tisma' min jagħti ċerti aġġettivi lil diskorsi bħal dawn kliem sabiħ, imma, kiesaħ, fieragħ, għoli u jibqa' għaddej minn fuq l-irjus. Huma kummenti negattivi, imma għandna nagħtu kashom biex anki dak li ngħidu jkun jista' jħalli frott.

Ta' min jgħid li Alla jitkellem b'diversi modi l-ewwel bil-ġrajjiet li jiġru madwarna u anki permezz ta' persuni oħra niftakru kemm eżempji hemm li Alla tkellem permezz tal-Profeti, tal-Appostli, tad-dixxipli, eċċ. Allura ovvja li jekk jien ma nemminx b'Alla kif nista' nitkellem fuq Alla jew aħjar kif nista' nitkellem f'isem Alla, eżempju meta nkun qed nippriedka, inkun qed inqarar, nitkellem man-nies. Kif nista' nitkellem fuq il-bidla tal-ħobż u tal-inbid li jsiru fl-Ewkaristija, il-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu, jekk ma nemminx jien, jekk ma nemminx f'dan il-misteru hekk kbir u tal-għaġeb. Kif nista' nitkellem fuq il-qawmien mill-imwiet jekk jien ma nemminx li Kristu qam mill-mewt. Kif nista' nitkellem fuq il-Misteru tat-Trinità qaddisa jekk ma nkunx nemmen jien. U nista' nibqa' sejjer hekk b'ħafna eżempji oħra mhux biss tal-misteri li għandna fir-reliġjon, imma konvinzjonijiet oħra kemm umani, spiritwali kif ukoll morali. Hawn m'inix ngħid li ma jkollix dubji, imma jien inħares lejn id-dubji bħala grazzja għax id-dubji jġegħluni nagħmel mistoqsijiet u nirringrazzja t-tagħlim li rċevejt biex hekk inkun nista' mmur lura fil-kotba b'mod speċjali fl-Iskrittura kif ukoll fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika u anki fit-tagħlim tal-Maġisteru (tagħlim tal-Knisja) u fuq kotba oħra miktubin minn teoloġi kbar fosthom u żgur mhux l-anqas fuq il-kotba li kiteb il-Papa Benedittu XVI. Nemmen li t-tagħlim għandu jkun mibni fuq il-verità għax il-verità ġejja minn Alla, allura meta nkun qed ngħid il-verità jkun Alla jitkellem permezz tiegħi.





*Għadd numeruż ta' konċelebranti: qassisin, patrijiet u novelli, sħab ta' Patri Karmenu Aquilina, nhar l-ewwel Quddiesa solenni.*

## Għallem dak li temmen fih

Issa importanti fil-ħajja tagħna li dak li naf ma nżommux għalija anzi għandi nagħddieh lil ħaddieħor b'imħabba. L-imħabba hija l-aqwa virtù mhux biss fiż-żwieġ jew fil-familja jew mal-ħbieb, imma għandna nħobbu lil kulħadd u waħda mill-modi kif tesprimi l-imħabba hi li int tagħti dak li għandek, f'dan il-kas it-tagħlim. Dak li rċevejt mingħand ħaddieħor ma għandux ikolli diffikultà nagħddieh li ħaddieħor. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil kull min għallimni fil-ħajja tiegħi, nibda' bil-ġenituri u n-nanna, il-qraba u ħbieb tal-post fejn trabbejt jien, l-għalliema tal-iskola u tal-MUSEUM, u xejn inqas dawk li għallmuni fl-edukazzjoni terzjarja u lid-diretturi li kelli fil-formazzjoni reliġjuża tiegħi bħala Kapuċċin. It-tagħlim ma jiġix biss mill-iskola, imma anki mill-ħajja nnifisha għalhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li xi darba jew oħra kellna ċ-ċans li nqattgħu ftit mumenti flimkien.

Din hija responsabbilità kbira fuqna li nagħllmu lil oħrajn u għandna nagħllmu l-verità u mhux dak li jaqbel lilna biss. Anki l-Evanġelju għandna nagħduh fit-totalità tiegħu kollha u mhux nagħżlu xi paġni u l-oħrajn inwarrbuhom. Ta' min jgħid ukoll li jien ukoll għad għandi bżonn it-tagħlim u għalhekk inħoss ir-responsabbilità li naġġorna ruħi fuq it-tagħlim u fuq dak li jkun għaddej u meta ma nkunx naf ma nkunx prużuntuż biex nidher li naf, imma għandi nkun kapaċi ngħid fuq din għalissa ma għandix risposta, agħtini ftit taż-żmien u nagħtik risposta jew jekk hu possibbli nistieden lil dik il-persuna biex infittxu r-risposta flimkien jew permezz tal-kotba jew billi mmorru nkellmu persuna oħra aktar infurmata minni fuq dak is-suġġett.

## Għix dak li tgħallem

Din l-aħħar parti naħseb li hija l-aħjar parti u li l-aktar li mhux biss fiha responsabbilità, imma l-aktar waħda li tħalli mpatt fuq it-tagħlim u dak kollu li ngħidu għax inkella jkun jistħoqilna dak il-kliem iebes li qal Kristu lill-Fariżej u lill-Kittieba. L-akbar tagħlim hu dak li tagħmel u mhux dak li tgħid biex tkun kredibbli; dak li tgħid l-ewwel għandek tagħmlu int.

F'din is-sentenza hemm miġbur għerf profond. Dan il-kliem li ngħidu ġej mill-esperjenza tal-ħajja tal-Knisja. Il-Knisja hi omm u għalhekk hi tħejjina biex inkunu magħllma fit-tagħlim tagħha b'mod tajjeb u ġenwin. Issa l-Knisja għamlet il-parti tagħha billi tatni l-formazzjoni meħtieġa u jekk għandi bżonn aktar naf li se tagħtihuli, għalhekk issa r-responsabbilità qiegħda fuqi.

Nirringrazzja lil min kellu xi tip ta' fiduċja fija, b'mod speċjali lil Alla li kien hu li għażilni. •



*Patri Karmenu Aquilina OFMCap flimkien ma' ommu, is-Sinjura Paola u l-qraba tiegħu wara l-Quddiesa solenni fil-knisja tas-Siġġiewi.*

# Il-Ħelsien



Għalxejn b'tgħeddid Mosè lil Fargħun mar kellem
Biex jeħles niesu mgħakkes b'dak il-kiefer jasar
Swew biss biex webbsu ras u qalb sultan bla rażan
l-għeġubijiet li huwa wettaq b'mess il-ħatar.

Sa fl-aħħar il-Mulej ried juri qilltu sħiħa
Hekk l-ewwel wild ta' nies u bhejjem Eġizzjani
Inqerdu f'lejl ta' biża' u waħx mal-pajjiż kollu
U l-poplu t'Alla nħeles, mill-madmad tal-barrani.

Għalhekk Mosè lil ħutu ħielsa issa mexxa
F'deżert ta' għera u nixfa lejn dik l-art imwiegħda
Minn żmien Abraham, Iżakk, Ġakobb missirijiethom
Li tfur b'ħalib u għasel bnin, għakemm imbiegħda.

Minn kelmtu reġa' lura l-Fargħun darb'oħra
U ordna lill-eżerċtu jwaqqaf dik il-ħarba
iżda Mosè bl-għasluġ f'idejh il-baħar fired
għax il-Mulej tal-poplu Tiegħu sema' l-karba.

U meta l-karrijiet tal-Eġizzjani rħewla
Bil-qilla kollha tagħhom għal wara l-maħrubin
Ħitan il-baħar morsa fuqhom lura ngħalqu
Rikkieba, żwiemel, karrijiet sfaw imgħarrqin.

U l-poplu meħlus t'Alla għolla leħnu b'qima
Lejn il-Mulej għal dawk l-għegubijiet imsaħħra
Mosè lil poplu kompla mexxa b'fidi akbar
Għax fl-aħħar niesu kollha ma baqgħux imjassra.



# SANTA MARIJA FIT-TURKIJA
## (ID-DAR TAL-VERĠNI MARIJA)

Waħda mill-festi magħrufa li jiġu ċċelebrati fit-Turkija hija dik ta' Santa Marija nhar il-15 t'Awwissu f'Meryem Ana Evi, Efesu. Għal din il-festa mhux biss il-Knejjes Insara li huma preżenti fit-Turkija jmorru bi ħġarhom, imma wkoll ħafna Musulmani. Ma' dawn jingħaqdu eluf ta' pellegrini mid-dinja kollha.

Skont tradizzjoni qadima ħafna, il-Madonna għexet hawn l-aħħar snin ta' ħajjitha minn fejn ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Il-bidu tal-istorja ta' din it-Tradizzjoni huwa marbut mas-sejba tad-Dar tal-Verġni Omm. Kieku wieħed irid jibda minn fuq il-Golgota fejn l-imsallab jafda lil ommu Marija lil Ġwanni. Dan, imbagħad, ħadha fid-dar tiegħu (Ġw 19:27), u b'hekk sar responsabbli hu tagħha.

Imbagħad fl-Atti tal-Appostli naqraw kif wara t-tħaġġir ta' Stiefnu (Atti 7), id-dixxipli ħarbu lejn il-Ġudea u s-Samarija (Atti 8), u wara li Erodi qatel lil Ġakbu (Atti 12), ħu l-Mulej, anki l-appostli ħarbu lejn l-Asja ż-Żgħira. Għalhekk wieħed jissoponi li Ġwann ħadha miegħu meta ħarbu minn Ġerusalemm.

Tertuljanu, Sant'Irinew, Oriġene, u l-istoriku Ewsebju ta' Ċesarija huma minn tal-ewwel sekli jitkellmu mill-preżenza ta' Ġwanni f'Efesu, u San Ġlormu jisħaqq fuq il-fatt li kien San Ġwann li waqqaf il-Knejjes tal-Asja ż-Żgħira.

Fis-sena 341, fil-Belt ta' Efesu, iltaqa' Konċilju li tana mhux biss id-definizzjoni dommatika ta' Marija bħala Theotokos-Deipara, Omm Alla, imma wkoll l-ewwel dokument bil-kitba li jsemmi lill-istess Verġni Mbierka Marija flimkien mat-Teologu Ġwanni.

Il-Knisja li ġiet mibnija fuq il-post fejn inżamm dan il-Konċilju hija l-ewwel waħda tax-xorta tagħha li ġiet mibnija fid-dinja u ddedikata lil Marija, Omm Alla.



Għalhekk it-tradizzjoni Efesina żżomm li din il-knisja Bażilikali hija wieħed mill-argumenti tal-preżenza ta' Marija f'Efesu. Fuq kollox kien Konċilju ieħor, dak ta' Kartaġni fis-sena 400 li ddefenda l-kawża għall-bini ta' postijiet għall-kult fl-imkejjen li fihom għamlu mewta glorjuża l-qaddisin.

L-interess għat-tfittix tal-qabar tal-Madonna f'Efesu, imbagħad, reġa' tqanqal wara l-qari tal-ktieb tar-rivelazzjonijiet ta' Anna Katerina Emmerich (illum beata), fejn tirrakkonta l-wasla tal-Madonna ma' San Ġwann l-Evanġelista f'Efesu. Hija u tisma' din il-ġrajja, tnisslet f'Marie de Mandat Grancey, soru tal-Karità, ix-xewqa li tiġi misjuba d-dar li jingħad li San Ġwann bena lil Verġni Mbierka f'Efesu.

Għalhekk hija tkellmet fuq din ix-xewqa tagħha ma' żewġ saċerdoti Lazzaristi ta' San Vinċenz de Paul, Poulin u Jung, wieħed direttur u l-ieħor għalliem tal-kulleġġ, Sacré Coeur, immexxi mill-istess patrijiet Lazzaristi biex jaqtgħulha xewqitha u jmorru jfittxu din id-Dar tal-Madonna, li kienet biss 75Km. 'il bogħod minn Izmir fejn kienu jgħixu u jaħdmu.

Kien id-29 ta' Lulju 1891 il-jum li fih instabet id-Dar tal-Madonna magħrufha bħala Panaghia Uc Kapolu.

Hekk kif ġriet l-aħbar tas-sejba tad-Dar tal-Madonna, l-Insara ta' Symrna (illum Izmir) bdew imorru, sakemm setgħu, pellegrinaġġi. Fosthom nibtet it-tradzzjoni li jitolbu tliet Ave Marijiet f'ġieħ it-tlett ijiem li Marija damet fil-qabar, huma u telgħin il-muntanja.

Biss huma la kienu waħedihom u lanqas kienu minn tal-ewwel għax ġemgħa Nisranija Ortodossa li kienet tgħix f'Sirince, ir-raħal fuq il-muntaniji fuq ix-xaqliba l-oħra tal-muntanja li fuqha hemm Meryem Ana Evi, kienu ta' kull sena jmorru f'pellegrinaġġ mir-raħal tagħhom lejn il monasteru tal-Panaghia fuq il-Bulbul Dag nhar il-15 t'Awwissu biex jiċċelebraw id-dormizzjoni (ir-raqda) ta' Marija hemmhekk. U dan minkejja li kienu jafu lill-Knisja Biżantina tagħhom, ta' rit Ortodoss, tkanta "Dormitio Mariae" f'Ġerusalemm. Dan il-pellegrinaġġ kien baqa' fis-seħħ sal-1923 meta kellhom jitilqgħu minħabba r-rivoluzzjoni mmexxija minn Ataturk.

Erba' snin wara s-sejba mill-ġdid tad-Dar fl-1896, il-Papa Ljun XIII, hekk kif ġie mgħarraf b'din is-sejba kbira u għażiża, ittrasferixxa l-indulġenzi li kienu ġew mogħtija lill-qabar tal-Madonna f'Ġerusalemm, lejn id-Dar tal-Madonna f'Efesu. Warajh, fl-1914 il-Papa San Piju X ta ndulġenza plenarja lil dawk kollha li jżuru din id-dar bħala pellegrini.

Il-Papa Piju XII fl-1951, is-sena li fiha ġiet irrestawrata id-Dar tal-Madonna, kif wieħed jista' jaraha illum, iddikjara dan l-imkien bħala Santwarju. Anki l-Beatu Ġwanni XXIII, fit-18 t'Awwissu 1961 ta ndulġenza plenarja lill-pellegrini li jżuru dan is-Santwarju Marjan.

Imbagħad il-Papa Pawlu VI, waqt vjaġġ storiku fit-Turkija, ried imur hu stess jitlob fid-Dar fejn jingħad li l-Madonna għexet l-aħħar snin ta' ħajjitha fuq din l-art, nhar is-26 ta' Lulju 1967.

Fuq il-passi tiegħu jmxew il-Beatu Ġwanni Pawlu II meta fit 30 ta' Novembru tal 1979 mhux biss daħal jitlob fid-Dar, imma qaddes quddiem is-Santwarju ta' Sidtna Marija ta' Efesu. Hekk ukoll il-Papa ta' llum Benedittu XVI, minkejja l-oppożizzjoni kontra tiegħu, nhar 29 ta' Novembru 2006, ried jitla' fuq il-muntanja Bulbul u jasal sad-Dar biex jitlob lill-Marija l-grazzja tal-paċi bejn il-bnedmin kollha, u jqaddes f'dan l-imkien imbierek bil-preżenza ta' Omm Ġesù.

Illum, Meryem Ana Evi, id-Dar tal-Madonna, hija post fejn kull sena jżuruh miljuni ta' nies mid-dinja kollha. Ħafna minn dawn huma Nsara u Musulmani. Dan jagħmel minn dan l-imkien waħdieni jkona ħajja tal-Verġni Mbierka Marija, Omm Ġesù u Ommna lkoll. •

# IL-QALB U L-FIDWA (7)





Fil-mixja tagħna bil-għan li napprezzaw iżjed il-ġisem tagħna bħala t-tempju tal-Ispirtu s-Santu (ara 1Kor 6:19), illum se nitħaddtu fuq żewġ aspetti li jkomplu jfissru d-don tal-ġisem kif mogħti lilna minn Alla: il-qalb u l-fidwa.

Il-qalb hija l-post fejn aħna nesperjenzaw b'mod mill-aktar profond ix-xewqat diżordinati tagħna li jissarrfu f'żina u f'egoiżmu. Barra minn hekk, f'qalbna nesperjenzaw il-fiduċja, l-imħabba u l-għaqda ma' Alla u mal-oħrajn. Interessanti li d-diskorsi ta' Ġesù huma mmirati lejn il-qalb tal-bniedem. Għaliex huwa sewwasew minn hemmhekk li l-bniedem huwa msejjaħ biex jgħix il-fidwa tiegħu. Mhux ta' b'xejn li fil-katekeżi tat-2 ta' Diċembru 1980, il-Papa Ġwanni Pawlu II qal: **"Il-bniedem huwa uniku u rrepetibbli, fuq kollox minħabba qalbu li tiddeċiedi x'inhu minn ġewwa".**

Il-qalb hija l-amfiteatru fejn fiha hemm għaddejja l-ġlieda kontinwa bejn it-tajjeb u l-ħażin. Il-fedeltà titqabad mal-infedeltà. Il-qalb tal-bniedem, għax imdgħajfa bid-dnub, jeħtieġ li tiġi mgħejjuna mir-rażan, li hu l-frott tal-Ispirtu s-Santu. Nhar it-23 ta' Lulju 1980, il-Papa Pollakk għallem hekk: **"It-tifsira taż-żwieġ tal-ġisem ma ġietx kompletament mifqugħa mill-konkupixxenza, imma biss mheddha regolarment. Il-'qalb' saret il-kamp tal-battalja bejn l-imħabba u ż-żina. Iktar maż-żina taħkem il-qalb inqas il-qalb tesperjenza t-tifsira taż-żwieġ tal-ġisem u nqas issir sensittiva għad-don tal-persuna ... Dan ifisser li huwa d-dover tagħna li ma nafdawx lill-qalb umana? Le! Ifisser biss li jeħtieġilna nrażżnuha".**

Id-don tar-rażan jgħin lill-qalb tiskopri fiha l-potenzjal li tħobb lil ħaddieħor bil-ferħ. Dan kien il-punt li l-Isqof ta' Ruma żvolġa b'tant profondità fit-tagħlim li wasslilna nhar 1 t'April 1981. **"Is-sodisfazzjon tal-passjoni huwa ħaġa waħda filwaqt li l-ferħ li l-bniedem isib biex irażżan lilu nnifsu b'mod sħiħ hija ħaġa oħra. B'dan il-mod jista' wkoll isir, b'mod sħiħ, don tassew għall-persuna l-oħra. Il-kliem li Kristu qal fid-diskors tal-Muntanja jmexxi lill-qalb umana lejn dan il-ferħ. Jeħtieġ li nafdaw lilna nfusna, il-ħsibijiet u l-għemejjel tagħna biex insibu l-ferħ u ngħadduh lill-oħrajn"**.

Il-qawwa tal-fidwa li minnha qiegħed jitkellem il-Papa Ġwanni Pawlu II, hija dik tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Hija proprju din il-qawwa tal-Għid ta' Ġesù li tgħinna ngħixu dak li għalih konna maħluqa ngħixu sa mill-bidu. Huwa importanti li fit-teoloġija tal-ġisem kollox jiġi mgħoddi taħt il-lenti tal-fidwa. Dan għaliex huwa biss permezz tal-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li l-bniedem jista' jgħix ħajja li tixraq lis-sejħa u lid-dinjità tiegħu bħala persuna, maħluq fuq ix-xbieha ta' Alla.

Fil-katekeżi li taha nhar id-29 ta' Ottubru 1980, il-Papa qal: **"Il-kliem ta' Kristu ... ma jwaqqfuniex li nieqfu fuq l-akkuża li l-qalb umana jeħtieġ li tiġi meqjusa b'suspett. Imma, fuq kollox, jeħtieġ li jiġu mifhuma u nterpretati bħala stedina lill-qalb... Fuq il-bażi ... tal-fidwa tal-ġisem ma nistgħux nieqfu biss fuq l-akkuża li l-qalb umana hija msejsa fuq ix-xewqa u ż-żina tal-ġisem. Il-bniedem ma jistax ma jpoġġix lill-qalb fi stat ta' suspett kontinwu u rriversibbli... Il-fidwa hija verità u realtà, li f'isimha l-bniedem jeħtieġlu jħossu msejjaħ, u 'msejjaħ b'effikaċità'. Il-bniedem jeħtieġ li jħossu msejjaħ biex jiskopri, anzi iżjed minn hekk, biex jirrealizza t-tifsira taż-żwieġ tal-ġisem"**.

Fl-ittra tiegħu lir-Rumani, San Pawl jiktbilhom hekk: **"Aħna nafu li l-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas; u mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna"** (Rum 8:22-23). Misjuq minn dawn il-versi, il-Papa stqarr li l-iskop aħħari tat-teoloġija tal-ġisem li hu kixef u ppreżentalna b'mod ċar u konvinċenti mill-Kelma ta' Alla, huwa biex nintebħu li ġisimna huwa mifdi bil-passjoni, bil-mewt u bil-qawmien ta' Kristu. Nhar il-21 ta' Lulju 1982, Papa Wojtila stqarr hekk: **"Dak kollu li ppruvajna nagħmlu tul il-meditazzjonijiet tagħna biex nifhmu kliem Kristu għandu bħala s-sies fundamentali tiegħu l-misteru tal-fidwa tal-ġisem"**.



L-imħabba ġenwina, għax ġejja minn Alla, hija minnha nnifisha fidwa li tifdi. Fid-29 ta' Ottubru 1980 nsibu din ir-riflessjoni: **"Il-bniedem huwa msejjaħ preċiżament għal dak il-valur suprem li hu l-imħabba. Bħala persuna huwa msejjaħ fil-verità tal-umanità tiegħu. Għalhekk, ukoll fil-verità tal maskulinità u l feminilità tiegħu, fil-verità tal-ġisem tiegħu. Huwa msejjaħ f'dik il-verità li kienet wirtu sa mill-bidu, il-wirt ta' qalbu, li hija iżjed profonda mil-ħażen li wiret, miż-żina... Il-kliem ta' Kristu, mqiegħdha fir-realtà sħiħa tal-ħolqien u tal-fidwa, jattivaw mill-ġdid dan il-wirt profond u jagħtuh qawwa reali fil-ħajja umana"**.

L-imħabba isseħħ meta l-qalb tinħeles mill-irbit tal-passjonijiet. L-imħabba seħħ meta fil-persuna l-oħra, għax naraw fiha x-xbieha ta' Alla nnifsu, nafdawha, nirrispettawha u nħalluha libera fl-għażliet tagħha. Hekk imħabbitna ssir fidwa. •



# IT-TFAL TAL-ISTORJA TILFU L-ĠAWHRA

# SAN FRANĠISK SKOPRIHA

"Father, inti dejjem tgħid li jekk irridu nkunu Insara tassew u ngħixu bħalma għex Ġesù, għandna bżonn l-Ispirtu s-Santu. Jien naf ftit li xejn dwar l-Ispirtu s-Santu u qatt ma smajt omelija li tispjegalna min Hu u x'jagħmel għalina. Jekk jogħġbok għinni."

Din hija ittra li dehret daqs sena u nofs ilu f'gazzetta Ingliża, f'paġna fejn saċerdot għaref jipprova jwieġeb mistoqsijiet li jagħmlulu l-qarrejja. Kif qrajt din l-ittra ħerqana niftakarni ngħid bejni u bejn ruħi, 'Min jaf kemm hawn Insara li forsi jinsabu fl-istess ilma li sab ruħu fih dan il-qarrej Ingliż, għax forsi huma wkoll għadhom ma skoprewx id-don tal-Ispirtu s-Santu li ssawwab fina l-imgħammdin!' (Rm

5:5). Għajnejna bħal donnu għandhom xi jżommhom milli jinfetħu mgħaġġba fuq l-identità u l-ħidma bla taqta' tal-Ispirtu s-Santu f'ħajjitna. Donnu nbatu wisq mill-katarretti spiritwali u nibqgħu ma nagħrfuhx! Jibqa' għalina – bħalma kien għall-irġiel ta' Ateni – "Alla mhux magħruf" (Atti 7:23)!

Jiġrilna bħal dawk it-tfal Afrikani tal-istorja li fil-ħin tal-logħob tagħhom kienu qegħdin jixxuttjaw gozz ġebel min-naħa għall-oħra tat-triq mingħajr ma ntebħu li waħda minn dawk il-ġebliet kienet fil-fatt ġawhra fina tiswa ħafna! L-istorja tgħid li djamantier li kien qed josservahom induna bil-ġawhra u talabhom ipartulu ftit mill-ġebel tagħhom (inkluż id-djamant!) ma' ponn ġebel li kien ġabar mill-mogħdija. Għat-tfal somor, sitta u sitta tnax! Aċċettaw it-tpartita. Bidlu ġawhar prezzjuż ma' ġebla komuni, 'il ħafna max-xejn, dak li jiswa ma' dak li ma jiswiex. Baqgħu għal dejjem għomja għal dak li kellhom f'idejhom. Xi traġedja! Ifakkruna fit-traġedja li għadda minnha l-poplu Lhudi meta kien qiegħed iterraq fid-deżert u ried jadura xbiha tal-metall imdewweb minflok lil Alla tal-ħajjin u tal-mejtin. Kif jgħid is-Salmista: **"Bidlu 'l Alla, il-glorja tagħhom, ma' xbieha ta' gendus jiekol il-ħaxix"** (Salm 106:20). Kienu għadhom ma' għarfux min kien Dak li fdiehom minn art il-jasar, Dak li **"jxebba' lil min hu bil-għatx u jimla bil-ġid lil min hu bil-ġuħ"** (Salm 107:9)!

L-Ispirtu s-Santu li, kif inkantaw fl-innu antik il-Veni Creator Spiritus (Ejja Spirtu Ħallieq), huwa **"l-akbar don ta' Alla"**, jixbah lil dak id-djamant li nistgħu faċilment nieħduh for granted, nibqgħu ma nagħrfux l-irwol tiegħu f'ħajjitna, nagħtuh il-ġenb jew – agħar minn hekk! – inpartuh max-xejn! Mhux ta' b'xejn li Santu Wistin ħass li għandu jwerżaq f'widnejn kull Nisrani l-kliem, 'Qum, bniedem ... agħraf, O Nisrani, il-kobor tiegħek!' Qisu qed jgħidilna, 'Agħraf, O Nisrani, x'ġara fik fil-Magħmudija tiegħek! ... Agħraf id-don kbir li rċevejt meta tgħammidt, jiġifieri d-don tal-Ispirtu s-Santu!'

Fl-Iskrittura nsibu diversi simboli b'riferenza għall-Ispirtu s-Santu. Meta Kristu ħareġ mill-ilma wara l-Magħmudija tiegħu, l-Ispirtu s-Santu niżel fuqu f'sura ta' ħamiema (Mt 3:16). Minbarra x-xbiha tal-ħamiema, l-Ispirtu s-Santu huwa ssimbolizzat ukoll fin-nar. Hu f'sura ta' ilsna **"qishom tan-nar"** li l-Ispirtu s-Santu niżel fuq id-dixxipli nhar Għid il-Ħamsin u mliehom bih (Atti 2:3-4). Ġesù jxebbhu wkoll mal-ilma meta qal: **"Min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj. Dan qalu għall-Ispirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fih"** (Ġw 7:38-39). Fuq l-għolja tat-Trasfigurazzjoni, imbagħad, l-Ispirtu s-Santu **"jiġi fi sħaba u jieħu taħt id-dell tiegħu"** lil Ġesù, lil Mosè, lil Elija, lil Pietru, lil Ġakbu u lil Ġwanni (Lq 9:34-35). Iżda l-Ispirtu s-Santu la hu ħamiema, la hu nar, la hu ilma, u lanqas sħaba. Xejn minn dan! Dawn is-simboli huma biss xbihat limitati li jagħtuna ftit ħjiel tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fina. Per eżempju, hekk kif l-ilma jissimbolizza t-twelid ġdid li jġib fina l-Ispirtu s-Santu fil-magħmudija, hekk ukoll in-nar huwa simbolu tal-qawwa tal-Ispirtu li taħdem fina u terfagħna fin-nuqqas ta' ħila tagħna (Rum 8:26).

L-Ispirtu s-Santu huwa Persuna! It-Tielet Persuna tat-Trinità Qaddisa, natura waħda mal-Missier u ma' l-Iben, li hu meqjum u mweġġah flimkien mal-Missier u mal-Iben. Matul il-mixja tiegħi bqajt impressjonat ħafna meta rajt Insara jitkellmu, jitolbu u jirrelataw mal-Ispirtu s-Santu b'familjarità kbira! Ma ninsa qatt meta darba waqt prayer meeting il-leader li kien qed imexxi l-ġemgħa fit-talb beda jsejjaħ lill-Ispirtu s-Santu bi kliem intimu u f'ħin minnhom tniehed u stqarr: **"Inħobbok Spirtu s-Santu! Inħobbok!"** Għaddew ħafna snin minn dakinhar, imma dik il-kelma sinċiera u ħierġa mill-qalb ħalliet impatt fuqi u kkonvinċietni li l-Ispirtu s-Santu huwa xi ħadd li jistedinni biex nidħol f'relazzjoni ntima miegħu. Dan skoprieh ħafna snin qabli San Franġisk t'Assisi.

Għall-Fqajjar t'Assisi, l-Ispirtu s-Santu tant kien xi ħadd reali li ħatru bħala l-veru Ministru Ġenerali tal-Ordni Franġiskan. Huwa xtaq li jiżdied dan id-dettall fir-Regola li kiteb għall-Patrijiet. Għalkemm is-suġġeriment tiegħu ma ntlaqagħx minħabba li l-kliem tar-Regola kien diġà ssiġġillat bl-approvazzjoni papali, Franġisku xorta fittex li jagħmel enfasi fuq l-Ispirtu s-Santu fl-għaxar kapitlu tar-Regola fejn jisħaq li **"(l-patrijiet) għandhom iħabirku li jkollhom fuq kollox ix-xewqa li jiksbu l-Ispirtu tal-Mulej u l-ħidma qaddisa tiegħu, u jitolbuh dejjem b'qalb safja."** L-espressjoni "fuq kollox" tikxef il-konvinzjoni profonda ta' San Franġisk li fost id-doni kollha li Alla għoġbu jagħtina, id-don tal-Ispirtu s-Santu jiżboqhom ilkoll.

Ispirat minn din l-espressjoni ta' San Franġisk, in-numru 44,4 tal-Kostituzzjonijiet tal-Aħwa Franġiskani Kapuċċini jesprimi b'mod enfatiku ċ-ċentralità tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja u l-ħidma tal-Patrijiet Kapuċċini: " ... **M'għandna nixtiequ xejn aktar, m'għandna nitħajru għal xejn aktar, u m'għandna nitpaxxew b'xejn aktar, jekk mhux li nimxu fl-Ispirtu tal-Mulej u l-għemil qaddis tiegħu, u li nogħġbuh dejjem biex inkunu tassew aħwa u nies fqar u umli, għatxana għall-qdusija, kollna mogħdrija u qalbna safja: fi kliem ieħor, nies li bihom id-dinja tista' tagħraf is-sliem u t-tjubija ta' Alla."**

Naħseb li ma nkunx sejjer żbaljat jekk ngħid li dan huwa programm ta' ħajja mhux biss għal min iħaddan l-ispiritwalità Franġiskana, imma għal kull Nisrani. •



# IS-SATANIŻMU
## FENOMENU ALLARMANTI!

Wieħed mill-iktar fenomeni allarmanti li jikkaratterizzaw id-dinja żagħżugħa huwa l-interess dejjem akbar li dawn qed juru dwar id-dinja tal-okkult u s-sataniżmu. F'dawn l-aħħar snin, qegħdin nassistu għall-'boom' veru u propju tal-maġija, okkult, spiritismu u saħansitra, sataniżmu. Din hi xi ħaġa li ma tistax ma tinkwetaniex! Iżjed u iżjed meta nisimgħu permezz tal-gazzetti u l-mezzi ta' komunikazzjoni, aħbarijiet li jixxukkjawna.

Ftit eżempji huma dawn:

- F'Ottubru tas-sena 2001, żewġ żgħażagħ ta' 14-il sena minn Sannicola (Lecce) għamlu tentattiv ta' omicidju ta' waħda żagħżugħa, ħabiba tagħhom, billi qatgħulha l-gerżuma. Dawn iż-żgħażagħ iddikkjaraw li kienu spirati mill-kantant Amerikan Marilyn Manson, kantant famuż tar-rock sataniku.
- Tfajla oħra ta' 18-il sena minn Milazzo, għamlet suwiċidju fit-toilets tal-iskola. Anki hija kienet waħda li tammira u tisma' regolarment id-diski u mużika rock satanika.



Dawn l-episodji nistgħu ngħaqqduhom ma' qtil ieħor li xxokkja d-dinja mhux biss Kattolika, imma ta' kull twemmin, dak ta' Suor Marija Laura Mainetti, li f'Ġunju tas-sena 2000, ġiet maqtula b'mhux inqas minn dsatax-il daqqa ta' sikkina fi Chiavenna (Sondrio) minn tliet żgħażagħ minorenni li xtaqu joffru s-sagrifiċċju tagħha lix-xitan. Il-mewt ta' Suor Laura kienet veru u propju sagrifiċċju uman, offrut lix-xitan. Suor Laura kienet persuna magħrufa ħafna għall-karità tagħha u d-disponibbilità tagħha, dejjem lesta li tiġri biex tagħti l-għajnuna lil min kien jisab f'xi diffikultà. Hija kella saħansitra dar li fiha kienet tilqa' tfajliet bi problemi u toffrilhom kenn u għajnuna. Fil-fatt, dakinhar tad-delitt, Suor Laura kienet irċeviet telefonata mingħand tfajla li b'leħen ta' waħda ddisprata bdiet tgħidilha li nqabdet tqila u se tagħmel abort. Is-soru, mingħajr ma rrealizzat li din kienet biss nasba, talbitha biex tgħidilha fejn tinsab ħalli toħroġ tiltaqa' magħha. Fil-fatt, fil-qalba tal-lejl, is-soru ħarġet biex tiltaqa' ma' din it-tfajla ġo post imwarrab, f'nofs bosk. Imma minflok sabet lil din it-tfajla li kienet ċemplitilha, issib jistennewha tliet tfajliet ta' 17-il sena li tawha dsatax-il daqqa ta' sikkina, f'wiċċha u f'partijiet oħra ta' ġisimha. Hija nstabet l-għada mixħuta mal-art ġo għadira demm. Waqt l-interrogatorju mill-pulizija, it-tliet tfajliet dehru ddispjaċuti, mhux tant għal fatt li qatlu lil din is-soru, imma iżjed għaliex kif qalu huma: *"għal Satana kienu biżżejjed 18-il daqqa minflok dsatax, anzi dik id-daqqa żejda li tajnieha ħassret il-validità tas-sagrifiċċju li ridna noffru"*. Ta' min jgħid li waqt id-delitt, is-sikkina bdiet għaddejja min id għal oħra u kull waħda mit-tfajliet riedet tagħti sitt daqqiet ta' sikkina biex hekk bejniethom jikkomponu in-numru tax-xitan li huwa 666. It-tfajliet stess irrakkontaw li waqt li s-soru kienet qed tirċievi d-daqqiet ta' sikkina, hija kienet qegħda għarkopptejha titlob b'idejha ma' xulxin. U l-aħħar kliem li lissnet kienu: **"Mulej aħfrilhom"**. Sadanittant it-tfajliet komplew jinfduha bis-sikkina u jinsultawha: *"Mut bastarda! Kompli itlob lil Alla tiegħek!"*.

Mela nistgħu ngħidu li dan kien martirju veru u propju. Ċertu ġurnalista Davide Gorni rraporta fil-gazzetta Corriere della sera *(Abbiamo ucciso la suora per Satana, 2 t'Ottubru 2000)*, xi partikolaritajiet li jkomplu jagħmlu dan l-episodju iżjed inkwetanti: *"Per rafforzare quell folle patto, le diciasettenni hanno compiuto una serie di riti satanici. Uno, in particolare, dai risvolti raccapriccianti: ognuna delle tre assassine si è procurata una ferita, alla mano o al polso, per raccogliere un bicchiere di sangue da bere, come eterno giuramento e supremo dono di vestizione nel nome di Lucifero. Soltanto due di loro, però l'avrebbero bevuto"*.

Il-Pulizija Taljana, wara xhur ta' verifika, ikkonfermaw li dan kien verament sagrifiċċju uman offrut lil Satana!



# IL-BOLOL TA' MALTA (27)

## TAZZA TAD-DINJA 1986




Il-finali tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA jsiru kull erba' snin u fl-1986 saru fil-Messiku għat-tieni darba. Fit-30 ta' Mejju ħareġ sett ta' tliet bolol tat-3ċ, tas-7ċ u tat-23ċ fuq disinn ta' Tony Bugeja. L-ewwel kompetizzjoni tal-FIFA, li twaqqfet fl-1904, saret fl-1930 u ntrebħet mill-Uruguay. Wara li l-Brazil rebħet it-Tazza Jules Rimet għat-tielet darba, it-timijiet bdew jikkompetu għat-Tazza tad-Dinja li hi magħmula minn deheb mastizz tat-18-il karat. Il-kampjonat tal-1986 intrebaħ mill-Arġentina.

## FILANTROPISTI MALTIN




Fit-28 t'Awwissu 1986 il-posta ħarġet sett ta' erba' bolol fuq disinn ta' Luciano Micallef. Dawn juru erba' Maltin li f'ħajjithom għamlu ġid kbir lis-soċjetà Maltija. Il-bolla taż-2ċ turi lil Fra Diegu Bonanno (1831-1902) li ddedika ħajtu jiġbor il-flus biex iwaqqaf djar għal tfajliet u nisa li ħtieġu l-għajnuna. Il-bolla tat-3ċ hija dik ta' Adelaide Cini (1838-1885) li waqqfet l-Istitut ta' Ċini għal dawk it-tfajliet u nisa li kienu vittmi tal-faqar u l-prostituzzjoni. Alfonso Maria Galea (1861-1941) jidher fuq il-bolla tat-8ċ bħala l-bniedem li ppubblika 150 ktieb u ffinanzja orfanatrofji, kunventi u djar għat-tfal u ż-żgħażagħ. Il-bolla tas-27ċ turi lil Vincenzo Bugeja (1820-1890) li ħa ħsieb it-tfal orfni u uża l-enerġija, il-ħin u l-flus tiegħu biex jgħin lil dawk li kienu fil-bżonn.

## MILIED



Bħal kull sena l-Posta ħarġet sett ta' bolol reliġjużi fl-10 t'Ottubru biex tfakkar il-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù. Fuq disinn ta' Luciano Micallef, it-tliet bolol juru żewġ pitturi mill-artist magħruf Malti Giuseppe D'Arena (c1633-1719) li jinsabu fil-bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-belt Valletta. Il-bolol taż-2ċ+1ċ, tat-8ċ+2ċ u tal-20ċ+3ċ juru n-Nattività u l-Epifanija ta' Ġesù.

## BASTIMENTI MALTIN – 4




Il-bastimenti dejjem kellhom sehem importanti fil-ħajja kummerċjali ta' Malta. Ir-raba' sett minn din is-sensiela ta' bolol ħareġ fid-19 ta' Novembru 1986 fuq disinn ta' Norbert Attard. Il-bolla tas-7ċ turi s-San Pawl ta' 3,779 tunnellata gross li nxtara min-neguzjanti Maltin bejn iż-żewġ gwerer dinjija. Fil-bolla tal-10ċ għandna n-Knight of Malta li fis-snin tal-1930 kellu missjoni importanti li jwassal il-posta bejn Malta u Sqallija. Il-Valletta City fil-bolla tat-12ċ kien l-ikbar vapur tat-tagħbija tal-aħwa Pace li kienu ilhom fil-kummerċ mis-snin tal-1880. Il-bolla tal-20ċ turi l-vapur Saver ta' 2,074 tunnellata gross li nxtara fl-1959 mill-aġenzija De Mattos & Sullivan biex iġorr il-merkanzija. •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta jew 100 bolla differenti ta' barra minn Malta, ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19 fl-indirizz ta' hawn taħt.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**Xi tfisser il-kelma 'filantropista'?**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Mejju huma:**

1. **Joe Borg, 20 Triq Castaldi, Ħaż-Żabbar ŻBR 1457**
2. **Mark Tonna, 7 Triq il-Ħġejjeġ, San Ġwann SĠN 07**
3. **Jane Falzon, 92 Triq Isouard, Marsa MRS 2014.**



# FIL-POLE-POSITION?!

Darba fost l-oħrajn, wieħed mill-patrijiet tad-deżert ta' fama ta' qdusija liema bħala, jismu Serapjon iltaqa' f'Alessandrija, il-Greċja, ma' raġel fqir iterter bil-bard. Bejnu u bejn ruħu qal: **"Kif jista' jkun li jiena, patri, għandi libsa fuqi u dan il-fqir jew aħjar, dan Kristu qed imut bil-kesħa? Mhux sew inħallih hekk! Għalhekk neża' bħal atleta mimli kuraġġ u qabad u ta ħwejjġu lil dan il-fqir. Qagħad bilqiegħda bil-ktieb żgħir tal-Evanġelju li dejjem kien iżomm miegħu f'idu. Fil-ħin għadda suldat li malli rah għarwien iterter bil-bard u l-ksieh, mill-ewwel staqsieh: "Patri, min neżżgħek?!" Huwa u jurih l-Evanġelju żgħir tiegħu, il-patri wieġbu: "Dan neżżagħni!"**

Żewġ affarijiet li dejjem ħadu l-pole-position, jiġifieri l-ewwel post fil-ħajja kkonsagrata huma:

- ir-radikalità tal-Evanġelju; u l-oħra
- l-għajta favur il-ġenna!

Ir-raġuni profonda tal-ħajja tiegħi bħala kapuċċin hija Alla: għalhekk ma żżewwiġitx, għalhekk qiegħed ngħix ma' aħwa fil-kunvent tal-Kalkara, għalhekk nobdi, għalhekk ngħix fqir, għalhekk qiegħed naħdem u għal xejn iżjed – għal Ġesù biss, hu li jagħtini raġuni għalfejn ngħix u għalfejn immut, għax nemmen li huwa rxuxtat u nemmen b'qalbi kollha li kien Hu li sejjaħli!

Il-ħajja kkonsagrata, twieldet fi spirtu ta' kontestazzjoni lejn il-valuri tad-dinja. Meta ħalaqna lilna l patrijiet u s sorijiet, Alla kellu f'moħħu li aħna nkunu speċi ta' shock therapy: nipprovokaw il-mistoqsijiet, nikkritikaw il-kompromessi, noffru stil ta' ħajja oħra. Dan huwa s-sens tar-radikalità li qed nippruvaw ngħixu.

Il-ħajja ta' konsagrazzjoni għandha sens appuntu għax il-patri u s-soru ma jgħixux għalihom infushom, iżda għall-oħrajn. Billi aħna qegħdin ngħixu llum f'soċjetà disorjentata huwa meħtieġ li l-Insara ħutna jaraw patri u soru orjentati, ankrati, li jservihom ta' point of reference. Il-gażaża tal-bniedem ta' llum hija r-remote control, il-mouse jew il-keyboard: waħdu quddiem it-TV, computer, mobile u tant gadgets oħrajn; jagħfas u jagħfas u jikklikkja, jara kollox u ma jikkonċentra fuq xejn. Mingħalih qiegħed imexxi ħajtu u ma jindunax li min irid jixroblu flusu qiegħed jikkmandah u jisraqlu l-libertà billi joffrilu droga fuq droga!

Quddiem soċjetà li qiegħda tiġi mċajpra b'relattiviżmu morali u minn ġirja għall-pjaċiri u kull tip ta' gratifikazzjoni, il-ħajja kkonsagrata tkun minn ta' quddiem, fil-pole-position, biex turi s-sbuħija tas-Sequela Christi, il-mixja wara Ġesù – iżda mixja ta' vera, bil-konsegwenzi kollha li din timplika, mixja ta' għaqda sħiħa ma' Kristu fil-misteru tal-Għid tiegħu.



Il-patri jew is-soru jew dawk il-membri tal-Istituti Sekulari, kollha nies ikkonsagrati lil Alla, isibu l-qofol tagħhom fil-fatt li jinsabu dejjem aktar fil-fond tal-qalb ta' Kristu u dan għan-nies ta' żmienhom. Dawn isibu s-sens tagħhom meta jkunu kapaċi, fil-qies li huma esperti ta' Alla, jlaħħmu l-messaġġ tal-Evanġelju fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, meta jkunu kapaċi b'ħajjithom ifiehmu lin-nies, li Ġesù għalihom hu kollox u huwa l-ewwel valur tagħhom, li għalihom qiegħed fil-pole-position ta' ħajjithom!

Darba waħda fi programm ta' Maurizio Costanzo Show, waqt intervista fuq ir-Rete 4, dan staqsa lil Michaelangelo Antonioni, reġista taljan, jekk jemminx f'Alla, u dan ir-reġista wieġbu: **"Ha ngħidlek, l-akbar ħabiba tiegħi hija soru tal-klawsura. Meta jkolli xi ħaġa li tkun qiegħda tkiddni, immur niġri għandha. Hija ħabiba kbira tiegħi, konna l-università flimkien, brava ħafna. Tifhimni f'ħakka t'għajn, imbagħad noqgħod nismagħha, u ma ngħejja qatt nismagħha"**. Darba minnhom staqsejtha: 'X'jiġri jekk jiena niffansjak, insir inħobbok?!' Hija weġbitni: 'X'jigri? Tkun qisek qed tixgħel lampa żgħira ħafna tal-elettriku f'kamra diġà mdawwla bid-dawl qawwi tax-xemx!

Iva, il-Kristjaneżimu għandu novità li jisimha Ġesù Kristu! San Franġisk tant għamel lil Ġesù fil-pole-poisition ta' ħajtu li ma ħalla xejn itellfu minn din imħabbtu lejH. San Franġisk irnexxielu mhux tant isir jaf aktar fuqu, iżda li sar jaf lilu personalment, anzi tgħallem jinnamra miegħu, twaħħad miegħu, u biex aħna nsiru nafu li hekk fil-fatt sar, ħaġa waħda miegħu, Ġesù nnifsu tana sinjal minn barra, dak tal-pjagi, biex jurina minn barra dak li sar sewwa sew minn ġewwa, f'qalbu u f'ruħu.

## F'liema 'position' huwa Ġesù f'ħajjtek? Fil-pole? •

# JUM IL-MISSJONI KAPUĊĊINI 2011

Is-solennità tal-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej Ġesù għal dawn l-aħħar 14-il sena kienet sinonimu mal-Missjoni u l-ħidma missunarja tal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja u f'Kuba. F'din is-solennità, is-Segretarjat tal-Missjoni jorganizza JUM IL-MISSJONI KAPUĊĊINI b'Ewkaristija u wara waqt soċjali. Għal dawn is-snin kollha din iċ-ċelebrazzjoni saret fil-knisja tas-Salib Imqaddes, il-Kapuċċini, il-Furjana.

Għal din l-okkażjoni qegħdin ikunu mistiedna l-missjunarji li jinzertaw f'Malta għal żmien ta' mistrieħ, l-ex missjunarji u l-bqija tal-patrijiet. Flimkien ma' dawn qegħdin ikunu mistiedna wkoll il-benefatturi tal-Missjoni, id-distributuri tar-rivista DAWL FRANĠISKAN u l-operaturi b'risq il-Missjoni.

Iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Missjoni Kapuċċini li din is-sena saret fil-5 ta' Ġunju, tmexxiet mill-Provinċjal Fr Emanuel Barbara. Fost il-patrijiet li kkonċelebraw kienu preżenti wkoll erba' missjunarji: George Bezzina, Hilary Abela, Joe Galea u Joe Alessandro. L-erba' li huma jinsabu f'ħidma missjunarja fil-Kenja.

Il-Provinċjal li fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni sellem u ta merħba lil dawk preżenti, l-omelija tiegħu kienet





ispirata mis-silta tat-tmiem l-Evanġelju skont San Mattew. Huwa enfasizza l-kmand ta' Ġesù li bgħatt lill-Appostli jagħmlu dixxipli mill-ġnus kollha u jgħammduhom f'isem it-Trinità.

Bil-ħidma tal-missjunarji matul il-ħajja tal-Knisja, inkluż anki fiż-żmienna, dak li t-Trinità għandha tfisser għalina, jiġifieri l-imħabba t'Alla li waslet għandna fi Kristu u bi Kristu, għandha titkompla mill-Insara kollha f'kull post sija jekk qiegħed jiżviluppa kif ukoll f'dak żviluppat ħalli aktar bnedmin jisimgħu l-Aħbar it-Tajba u huma wkoll ikunu jistgħu jgħixu bħal aħwa flimkien, fil-paċi, fil-progress li jixraq id-dinjità tal-bniedem fl-imħabba lejn xulxin. •



# JUM IL-MISSJONI KAPUĊĊINI 2011



# FROTT ĠDID





Il-Djoċesi ta' Malindi kull ma tmur qiegħda tikber fl-għadd tas-saċerdoti djoċesani. Ftit xhur ilu tliet żgħażagħ ġew ordnati djakni mill-Amministratur Appostoliku, l-Isqof Martin Kivuva.

L-Ordinazzjoni tad-djakni saret fil-Katidral ta' Malindi fil-25 ta' Marzu, jum il-festa ta-Tħabbira tal-Mulej.

Id-Djakni

It-tliet żgħażagħ

- David Mungu;
- Robert Maina; u
- Martin Ndun'gu

huma kollha minn post wieħed. Is-sejħa għas-saċerdozju ta' dawn it-tliet żgħażagħ hija kollha ħidma tal-Isqof Francis Baldacchino OFMCap. tul iż-żmien li għamel kappillan fil-parroċċa ta' Mpeketoni. L-għajnuna spiritwali tkompliet b'waħda finanzjarja biex iż-żgħażagħ jaslu għall-għan li daħlu għalih is-seminarju. Illum it-tliet żgħażagħ huma xhieda qawwija tal-ħidma fejjieda li wettaq l-isqof Francis Baldacchino fid-djoċesi ta' Malindi

## IL-FESTA TAD-DJAKNI

Il-gimgħa 25 ta' Marzu, il-Katedral kien mimli bin-nies li ġew minn kull rokna tad-djoċesi. Il-ferħ li ntwera f'dan il-jum qawwa qlub it-tliet żgħażagħ biex iwettqu b'fedelta is-sejħa li għamlilhom Alla.

Fid-diskors tiegħu l-isqof Martin Kivuva saħaq kemm felaħ fuq il-kliem li qalet il-Madonna: **"Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ikun minni skont kelmtek".**

**"Intom id-djakni għandkom tkunu strumenti siwija f'idejn Alla. Ġejtu magħżulin biex taħdmu mal-poplu li għandu bżonn l-għanuna tagħkom. Dawn għandkom tgħinuhom fir-ruħ u l-ġisem.**

**Ħarsu dejjem lenj Marija Ommkom li bit-talb ta' kuljum, il-meditazzjoni u t-twettieq tar-rieda ta' Alla fetħet qalbha biex tgħin lil kulħadd.**

**Għożżu l-merħla li tigi mqiegħda f'idejkom minn Alla. Inagħtaw għaliha bħalma għamel Ġesù, r-Rgħajj it-Tajjeb".** Widdeb l-isqof liż-żgħażagħ.

Qabel ma ntemmet il-quddiesa t-tliet djakni raddew ħajr 'l Alla għall-għajnuna li tahom biex jaslu għad-djakonat. Huma raddew ħajr ukoll li dawk kollha li għinuhom biex jaslu għal dan il-pass. •

# MONS. ANTONIO MARIA BUHAGIAR OFMCAP

## AMMINISTRATUR APPOSTOLIKU TA' MALTA (1885-1889) L-EWWEL XHUR F'MALTA (MEJJU-DIĊEMBRU 1885)



Fl-1885, minnħabba l-età avvanzata tal-Isqof ta' Malta Mons. Carmelo Scicluna, il-Papa Ljun XIII ħatar lill-Mons. Antonio Maria Buhagiar OFMCap., Isqof Titulari ta' Ruspe u Awżiljarju tal-Kardinal Lavigerie, bħala Amministratur Appostoliku f'Malta.

Mons. Buhagiar wasal Malta f'April 1885, u baqa' sejjer fil-knisja tal-Kapuċċini l-Furjana, imżejna għall-festa. Hawnhekk Mons. Buhagiar intona t-Te Deum. Wara l-Isqof Buhagiar għamel diskors bil-Malti lill-poplu u ta l-Barka Pastorali [(1)].



Minn diversi gazzetti lokali rnexxieli niġbor tagħrif dwar diversi avvenimenti u funzjonijiet li fihom ħa sehem Mons. Buhagiar bejn Mejju – Diċembru 1885, u qiegħed inġibhom hawnhekk bħala kronaka.

**IT-TNEJN, 4 TA' MEJJU 1885**
L-E.T. il-Gvernatur Sir John Lintorn Simmons, għamel żjara lill-Isqof Buhagiar fil-kunvent tal-Kapuċċini l-Furjana [(2)].

**IL-ĦAMIS, 7 TA' MEJJU 1885**
Mons. Buhagiar ħalla l-kunvent tal-Kapuċċini l-Furjana u mar joqgħod fil-palazz tal-Isqof fil-Belt [(3)].

**IT-TLIETA, 12 TA' MEJJU 1885**
Wara nofsinhar l-Isqof Buhagiar mar l-Imdina biex jagħmel żjara ta' kortesija lill-Kanonċi tal-Kattidral [(4)].

**L-ERBGĦA, 20 TA' MEJJU 1885**
L-E.T. il-Gvernatur Sir John Lintorn u Lady Simmons taw pranzu fil-palazz ta' San Anton ad unur ta' Mons. Buhagiar li għalih stiednu numru ta' persuni oħra [(5)].

**IT-TLIETA, 26 TA' MEJJU 1885**
Mons. Buhagiar ħareġ l-ewwel ittra Pastorali. Fiha nsibu l-ħatra ta' dawn l uffiċjali tal Kurja:

Vigarju Ġenerali – Mons. Kan. M.A. Mifsud, Logotenent Vigarju Generali – Kan Salv Gaffiero, Segretarju Generali - Dun Salv Caruana, Kanċillier – Dun Manwel Pullicino. Fl-istess Pastorali Mons. Buhagiar tkellem dwar l-Istituti tad-Duttrina [(6)]. Wara nofsinhar Mons. Buhagiar mar Bormla fejn mexxa l-purċissjoni tal-għeluq tal-Kwaranturi ta' Pentekoste [(7)].

**IL-ĦADD, 31 TA' MEJJU 1885**
Mons. Buhagiar mar tas-Sliema, fil-knisja parrokkjali ta' Stella Maris fejn qaddes u qarben in-nies u amministra s-Sagrament tal-Griżma lil ħafna tfal tal-post [(8)].

**IL-ĦAMIS, 11 TA' ĠUNJU 1885**
L-Isqof Buhagiar filgħodu reġa mar f'tas-Sliema fl-iskola tas-sorijiet ta' St Joseph fejn amministra s-Sagrament tal-Griżma [(9)].

**IL-ĦADD, 14 TA' ĠUNJU 1885**
Fuq stedina tal-Kappillan mar Ħ'Attard fejn mexxa l-purċissjoni tal-Madonna tas-Sacro Cuor u ta l-Barka Sagramentali [(10)].

**IT-TLIETA 16 TA' ĠUNJU – IS-SIBT 20 TA' ĠUNJU 1885**
Mons. Buhagiar ippresieda l-eżamijiet annwali fis-seminarju [(11)].

**IL-ĦADD, 5 TA' LULJU 1885**
L-Isqof Buhagiar mar fil-Kulleġġ "St Ignatius" tal-Ġeswiti f'San Ġiljan għall-festa ta' San Alwiġi. Hemmhekk amministra s-Sagrament tal-Grizma lil diversi studenti. Wara li qaddes u qarben in-nies, għamel żjara fil-Kulleġġ [(12)].

**IL-ĦAMIS, 16 TA' LULJU 1885**
Festa tal-Madonna tal-Karmnu – Valletta. Filgħaxija Mons. Buhagiar mexxa l-purċissjoni li din is-sena għaddiet għall-ewwel darba minn Pjazza San Ġorġ. Wara ġie mwassal lura sal-Palazz minn folla kbira b'torċi mixgħula [(13)].

**IT-TLIETA, 4 T'AWWISSU 1885**
Festa ta' San Duminku – Valletta, filgħodu Mons. Buhagiar mar



fil-Bażilka ta' Santa Marija ta' Portu Salvu fejn iċċelebra quddiesa. FIlgħaxlJa mexxa l-purċissjoni li saret għall-ewwel darba. Wara saritlu dimostrazzjoni sal-Palazz (14).

**IT-TNEJN, 10 T'AWWISSU 1885**
Festa ta' San Lawrenz – Vittoriosa. L-Isqof Buhagiar mar il-Birgu fejn mexxa l-purċissjoni tal-festa titulari (15).

**IT-TLIETA, 15 T'AWWISSU 1885**
Festa ta' Sant'Elena – B'Kara. Filgħodu l-Isqof Buħagiar mar B'Kara fejn mexxa l-purċissjoni tal-festa titulari ta' Sant'Elena (16).

**IL-ĦADD, 13 TA' SETTEMBRU 1885**
Festa tal-Madonna tal-Grazzji - Ħaż-Żabbar. Mons. Buhagiar mar Ħaż-Żabbar fejn mexxa l-purċissjoni tal-festa titulari (17).

**IL-ĦADD, 20 TA' SETTEMBRU 1885**
L-Isqof Buhagiar mar fl-Istitut ta' Cini l-Ħamrun biex jinawgura t-tmexxija ġdida fl-Istitut. F'din l-okkażjoni bierek l-Istitut u amministra s-Sagrament tal-Griżma (18).

**IL-ĦAMIS, 24 TA' SETTEMBRU 1885**

Joħroġ Ittra Pastorali oħra. F'din l-ittra wera x-xewqa tiegħu li matul ix-xahar t'Ottubru jsiru pellegrinaġġi lejn dawn il-knejjes – Is-Santwarju tal-Mellieħa, il-knisja Arċipretali tal-Furjana, fejn hemm id-devozzjoni tal-Madonna ta' Lourdes, il-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat u l-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar. Wera x-xewqa li kull parroċċa tagħmel għall-inqas pellegrinaġġ wieħed lejn xi waħda minn dawn il-knejjes (19).

**IL-ĦADD, 11 T'OTTUBRU 1885**
Mons. Buhagiar għamel għall-ewwel darba Pontifikal fil-Kattidral u fetaħ il-Viżta Pastorali (20).

**IL-ĦADD, 25 T'OTTUBRU 1885**
L-Isqof Buhagiar fetaħ il-Viżta Pastorali fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta (21).

**IT-TNEJN, 26 T'OTTUBRU 1885**
Mons. Buhagiar fetaħ il-Viżta Pastorali fil-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Portu Salvu, tal-Belt Valletta (22).

**IL-ĦAMIS, 10 TA' DIĊEMBRU 1885**

Ħareġ ċirkulari dwar il-bdil tal-flus li kien qed isir dak iż-żmien biex tispiċċa l-munita ta' Sqallija u tidħol li sterlina Ingliża. Biex jgħin lil foqra Mons. Buhagiar kien ħa l-inizjattiva biex fil-Kurja jinġabru somom żgħar ta' flus biex tleħu ħsieb il-kambju tagħhom (23).

Minn din il-kronaka joħroġ l-impenn pastorali ta' Mons. Buhagiar li fl-istess sena tal-ħatra tiegħu bħala Amministratur Appostoliku (1885) ta bidu għall-Viżta Pastorali tid-Djoċesi. Mar ukoll f'diversi knejjes u skejjel u amministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. L-Isqof Buhagiar kien ukoll iżomm ruħu viċin tal-poplu bil-parteċipazzjoni f'diversi festi fl-ibliet u rħula. Il-poplu minn naħa tiegħu kien juri l-apprezzament tiegħu bid-dimostrazzjonijiet li kien jagħmillu kif ġara fil-kaz tal-Belt Valletta, f'żewġ festi, fil-Birgu u Ħaż-Żabbar.

Miż-żewġ ittri Pastorali li laħaq ħareġ fl-1885, jidher biċ-ċar id-devozzjoni li kellu lejn il-Madonna, u l-interess tiegħu fl-Istituti tad-Duttrina. L-impenn soċjali ta' Mons. Buhagiar jidher bil-pass li ħa fl-1885 biex jgħin lin-nies ta' ftit mezzi meta beda jsir il-kambju tal-munita ta' Sqallija għal dik sterlina. •

(1) L'Ordine 29-iv-1885
(2) IBID 6- v- 1885
(3) IBID 13- v- 1885
(4) IBID 20- v-1885
(5) IBID 27- v-1885
(6) IBID 3-vi-1885
(7) IBID
(8) Il-Portafoglio Maltese 5-vi-1885
(9) L'Ordine 17-vi-1885
(10) IBID
(11) IBID 1-vii-1885
(12) IBID 8-vii-1885
(13) IBID 22-vii-1885
(14) IBID 5-viii-1885
(15) IBID 19-viii-1885
(16) The Malta Times 22-viii-1885
(17) L'Ordine 16-ix-1885
(18) IBID 30-ix-1885
(19) IBID
(20) IBID 14-x-1885
(21) IBID 28-x-1885
(22) IBID
(23) IBID 9-xii-1885, 16-xii-1885.

# ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal, din hi rokna għalikom.
Sibu l-kliem mitlufin.

**Mill-Apokalissi**

| | |
|---|---|
| AVORJU | IĠFNA |
| BAĦRIN | MARTRI |
| BALZMU | MERKANTI |
| BDOTI | MITĦNA |
| DRAPP | PORPRA |
| FIDIL | SAKRA |
| FOLOL | SKARLATT |
| ĦABS | SMID |
| ĦEMEL | TAJR |
| ĦWAWAR | TRAB |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | A | V | R | U | M | Z | L | A | B | A | R | T |
| X | E | T | Ħ | E | M | E | L | S | Ħ | A | B | S |
| P | A | R | K | A | S | P | Q | I | W | D | R | S |
| M | T | R | K | O | D | C | O | A | F | I | D | M |
| I | N | A | H | A | W | F | W | R | N | V | A | I |
| T | F | N | B | Z | N | Ħ | T | B | P | R | V | D |
| Ħ | I | F | O | L | W | T | A | Ħ | T | R | O | L |
| N | D | Ġ | X | V | A | Ħ | I | R | A | C | A | N |
| A | I | I | P | L | B | L | I | Z | J | B | R | I |
| X | L | Q | R | A | P | P | A | R | D | D | F | R |
| K | Z | A | V | O | R | J | U | C | E | O | V | Ħ |
| R | K | O | R | T | Q | X | R | J | A | T | R | A |
| S | N | F | O | L | O | L | A | B | D | I | Z | B |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħa ta' Ġunju/Lulju 2011 hija Aurora Micallef – Rabat, Malta**

# TISLIBA - 109



1. Tal-Ispirtu. (Efes 6,17) **(5)**
2. Għand min mar Absalom. (2 Sam 13,37a) **(6)**
3. X'għamlu lill-kbarat. (Naħ 3,10) **(5)**
4. Qal li ma kellux nisel. (Ġen 15,3) **(5)**
5. *Ħażin* għalih ir-ragħaj. (Żak 11,17) **(4)**
6. Taqfel il-qrieq. (Is 5,27) **(5)**
7. Fil-Maċedonja u iżjed. (1 Tess 1,8) **(5)**
8. Din mhux ta' Ġuda. (1 Pt 5,14) **(5)**
9. Il-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet. (3) **(3)**
10. Għadu ċkejken. (Mt 18,2) **(7)**
11. u 12. Dawn la ħarqu u anqas darbu. (Għerf 19,21) **(3)**
13. Tqiegħed riġlejk fuqu. (S 110,1) **(6)**
14. Dritt tal-ħaddiema. (1 Tim 5,18) **(5)**
15. Ma nkunux... fuq sisien ħaddieħor. (Rum 15,20) **(5)**
16. Iż-żgħażagħ għelbuhom. (1 Ġw 2,13) **(5)**
17. Muntanji: din, Senir u Ħerom. (Għan 4,8) **(5)**
18. Wasslu f'dal-post u ħa ħsiebu. (Lq 10,34) **(7)**
19. Jissejħu bliet ta' hekk. (Ġoż 20,2) **(4)**
20. Il-materjal tal-ktajjen. (2 Kron 3,11) **(3)**
21. a' fejn hi l-muntanja. (Lev 26,46) **(5)**
22. Biex... għalina. (Mal 1,9) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' ĠUNJU/LULJU 2011:**

***1. Ħmara; 2. Aramin; 3. Kiltu; 4. Oqbra; 5. Biki; 6. Itlaq; 7. Marki; 8. Qtilt; 9. Ram; 10. Tarbija; 11. u 12. Inċens; 13. Naddaf; 14. Appju; 15. Ġebla; 16. Ittri; 17. Dritt; 18. Perfett; 19. Rasu; 20. Dar; 21. Jasal; 22. Rbaħt.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-rebbieħa ta' Ġunju/Lulju 2011 huwa Salvu Frendo - Mosta**

**Ir-rebbieħa taż-żewġ kompetizzjonijiet jekk jogħġobhom jġbru l-premju bejn id-9.00am u 11.30am u bejn il-5.00pm u s-7.00pm mill-Uffiċċju Missjoni, Kunvent Kapuċċini, Floriana. Tel: 2123 3874**

# VOLUNTARJAT F'ĦIDMA MISSJUNARJA FL-INDJA



Minn dejjem kelli x-xewqa li mmur nagħmel xogħol voluntarju f'xi art tal-Missjoni. Seba' snin ilu ġietni l-opportunità li nżur l-Indja għall-Ordinazzjoni ta' Fr Binu Parokkaran li għent biex jistudja. Kif kont sejra rranġajt biex naqta' xewqti. Din tal-aħħar li mort, f'Novemrbu-Diċembru li għadda, kienet it-tielet darba li mort nagħmel xogħol voluntarju ma' nies b'diżabilità mentali u fiżika, nies imfejjqa mil-lebbra u ġo orfanatrofju, li bosta mit-tfal kienu mormija.

Hemmhekk veru missejt u rajt il-miżerja li jgħixu fiha, bla dawl, bla sodod, ikel mill-inqas u hwejjeġ ta' fuqhom senduhhom. Anki kien hemm nies jgħixu barra lejl u nhar jew ġo xi kaxxa tal-kartun. Minkejja dan kollu, lanqas kont inkun niflaħ niekol x'ħin narahom f'dik is-sitwazzjoni, imma rċevejt ħafna mħabba. Bil-għajnuna t'Ala nerġa' nżuruhom u nwasslilhom ukoll għajnuna finanzjarja bħalma diġà għamilt bl-għotjiet li nirċievi mingħand ħafna qlub ġenerużi.

Nirringrazzja lil Alla tal-kuraġġ li jagħtini biex nivvjaġġa f'art tant imbegħda u jkun miegħl fid-diffikultajiet li niltaqa' magħhom, li ma jkunux ftit. •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**